***ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL***

***73, ST. MARY STREET***

***TARXIEN. TXN 1704***

***Tel 00356 21686888 - Fax 00356 21686777 - email:- tarxien.lc@gov.mt***

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - Nu 68/2024 it-Tmien Leġislatura

Data: L-Erbgħa, 28 ta' Frar 2024

Ħin: 18:30

Bdiet: 18:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 73 Santa Marija Street, Tarxien

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Sindku | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella Zammit | Viċi - Sindku | Preżenti |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Thomas Debattista | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Christian Pace | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Ismael Dalli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Anabelle Marmara | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Segretarju Eżekuttiv | Preżenti |

**68.1 Ittri ta'Apoloġija**

68.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li min-naħa tagħha hija jkollha tinforma lill-Ministru b'dawk il-Kunsilliera li ma jkunux attendew sensiela ta' seduti.

**68.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.66**

68.2.1 Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 66 hekk kif mibgħutha mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Neil Portelli, il-Kunsill approva l-minuti hekk kif preżentati.

**68.3 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa b'Urġenza Nu.67**

68.3.1 Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Laqgħa b'Urġenza Nu. 67 hekk kif mibgħutha mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Thomas Debattista, il-Kunsill approva l-minuti hekk kif preżentati.

ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL

73, ST. MARY STREET

TARXIEN. TXN 1704

Tel 00356 21686888 - Fax 00356 21686777 - email:- tarxien.lc@gov.mt

**68.4 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru 55**

68.4.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Neil Portelli u s-Sur Ismael Dalli ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-18 ta' Jannar 2024 u t-28 ta' Frar 2024 li kienet tammonta għal €80,453.58.

**68.5 Punti mill-Minuti**

**68.5.1 Proġett tal-Pjazza**

Is-Sindku semma li rigward il-bieb tax-xelter dan kif kien spjegat ma jistax isir mill-Kunsill imma mill-għaqda kkonċernata. Semma li l-bokka tan-naħa l-oħra ser issir. Semma wkoll li kellmu sid il-post li hemm abbandunat fil-pjazza. Semma li talbu sabiex il-Kunsill jagħtih permess li jgħaddi s-servizz tad-dawl taħt l-art. Is-Sindku semma li huwa ma jsib l-ebda oġġezzjoni anzi jkun aħjar estetikament basta dan ix-xogħol isir qabel jibda x-xogħol fil-pjazza. Semma li l-ispiża tal-culvert ser iġorrha r-residenti. Semma li d-dar ser jitlestulha l-aperturi u ser tkun qed tinkera fi ftit żmien ieħor.

Is-Sindku semma li kien hemm laqgħa ma' Infrastruttura Malta fuq il-pjazza kif ukoll fuq il-proġett tal-Barrani. Is-Sindku semma li ser jerġa' jinfetaħ id-dħul minn tal-Barrani għal Ħal Tarxien. Semma li ser isir il-bini mill-ġdid ta' Paola Road. Semma li ser tkompli titqaxxar Triq il-Kavallerija.

Is-Sindku semma li l-bust ta' Renzo Gauci kien propost li jsir fil-pjazzetta quddiem l-Erwieħ. Is-Sindku semma u għamilha ċara li huwa favur li jsir dan il-bust biss pero dan ser jkun qed jagħti preċidenza għal ħafna każijiet oħra ta' personalitajiet li għamlu ġieħ lir-raħal bix-xogħol jew bis-servizz tagħhom. Għaldaqstant, is-Sindku propona sabiex fil-pjazza jekk kemm-il darba il-monument ser ikun iffinanzjat mill-Kunsill isir wieħed ġeneriku li fuqu jinkitbu l-ismijiet ta' min ikun għamel ġid lir-raħal.

Is-Sur Thomas Debattista kif ukoll is-Sa. Marmara ssuġġerew li l-bust tas-Sur Renzo għandu jsir kif propost oriġinarjament fil-pjazza.

Is-Sa Marmara ssuġġeriet li forsi isir kuntatt mal-Għaqdiet tal-Lokal sabiex il-Bust ikun iffinanzjat mill-entitajiet kollha tal-lokal.

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21686888 - Fax 00356 21686777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

---

Fuq proposta tas-Sindku approvat mis-sur Pace kien hemm qbil li dan is-suġġett għandu jkun diskuss permess ta' mozzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Il-Kunsill qabel ma' dak propost.

**68.5.2 Triq Kurunell Mass**

Is-Sindku semma li Infrastruttura Malta kkomunikat mal-Kunsill Lokali li ser tkun qed tintervjeni bi prijorità. Semma li aktar minn sempliciment patching ser tkun qed tinbena t-triq mill-ġdid, bis-servizzi kollha skond kif neċessarju u skond il-proposti li jaslu mill-entitajiet ikkonċeranti. Dan ifisser li l-programm ta' xogħol ser ikun wieħed estensiv u b'riżultat finali ferm aħjar. Semma li IM infurmat ukoll li l-proċess ta' koordinazzjoni ma' entitajiet terzi għaddejja. Semma li l-kuntrattur mill-IM kien diġà appuntat.

**68.4.3 Latrini Awtomatiċi**

Is-Sindku semma li kien hemm estensjoni tal-proġett sa Marzu 2025. Semma li ser tkun qed tinbeda wara li jkun konkluż il-proġett tal-5 a side.

**68.4.4 Fondi Norveġiżi**

Is-Sindku semma li ser tintalab estensjoni oħra tal-proġett sal-aħħar t'April għaliex ma jarax li għandu jsir kunċert fir-Randan. Għaldaqstant, ser ikunu qed jara mal-Banda tal-Pulizija f'liema ġurnata jistgħu wara l-Għid.
Semma li jkun hemm direct order biex tinstara bandla ta' toddlers kif ukoll jitkompla t-tapit taħtha. Dan peress li t-tender huwa magħluq u mħallas u biex ikun mill-istess materjal bilfors irid ikompli l-istess supplier. Kien hemm diskussjoni fejn ser titpoġġa l-bandla addizzjonali. Is-Sindku semma li ser imur onsite mal-Perit biex anki jkun hemm cleareance tal-MCCA.
Informa wkoll li l-monument tal-qalb ġej kollu ritratti kommemorattivi ta' Ħal Tarxien. Semma li r-ritratti diġà ttieħdu.

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21686888 - Fax 00356 21686777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| **68.4.5 Festini tal-Milied** | Is-Sa Darlene Vella ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill r-rendikont finanzjarju tal-festin tal-Milied tal-anzjani. Dokumenti annessi u mmarkati bħala Dok A.<br>Is-Sur Neil Portelli semma li min-naħa tiegħu kollox sar min-naħa tal-Kunsill u l-invoices tħalsu kollha mill-Kunsill Lokali. |
| **68.4.7 Kerrejja** | Is-Sindku semma li x-xogħol għaddej u kien kważi lest. Semma li qed jinġabru l-kwotazzjonijiet sabiex l-art issir ta' travertin. |
| **68.4.8 Belt Kulturali Ewropea 2031** | Is-Sindku semma li r-Reġjun u l-Kunsill Lokali tal-Birgu ser ikunu qed jissottomettu l-applikazzjoni għall-Belt Kulturali Ewropea 2031. Is-Sindku semma li l-Kunsill ser ikun mitlub jagħmel proposti ta' riġenerazzjoni sabiex jiddaħħlu fil-bid book.<br>Is-Sindku talab lill-Kunsilliera sabiex jaħsbu fuqha imma min-naħa tiegħu huwa ser ikun qed jipproponi li ssir riġenerazzjoni tal-isqaqien ta' Triq Santa Marija, Triq il-Kbir u l-madwar. |
| **68.4.9 Contract Manager** | Is-Sindku semma li l-Kunsill waqaf jirċievi kontijiet. Il-Kunsill qabel li għandha toħroġ ittra ta' terminazzjoni lill-kuntrattur. |
| **68.4.11 Ground 5 a side** | Is-Sindku semma li x-xogħol kien għaddej, semma li għad jonqos li jintbagħtu l-ispeċifikazzjonijiet tal-bandla. |
| **68.4.14 Triq Lanzon** | Is-Sindku semma li wara l-petizzjoni li kien hemm mir-residenti u li wara li l-Kunsill kiteb ukoll lil Transport Malta sabiex jagħti raġunijiet wara d-deċiżjoni li kienu ħadu li jitwalu linji sofor quddiem garaxx, uffiċjali ta' Transport Malta kellhom imorru fuq il-post. |
| **68.4.15 Skema ta' restawr** | Is-Sindku qal li l-applikazzjoni sabiex jiġi restawrat il-ħajt taċ-ċimiterju tal-erwieħ kienet ġiet sottomessa. |
| **68.4.16 Skema CCTVs** | Is-Sindku semma li CCTVs kienu qed jiġu nstallati u kellhom ikunu lesti sal-aħħar ta' Marzu. |
| **68.4.17 Rikonoxximenti Unur Ħal Tarxien** | Is-Sur Chris Pace preżenta l-kriterji li huwa kiteb għall-eliġibbilita' ta' dan l-unuri. Kien hemm diskussjoni fuq l- |

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21686888 - Fax 00356 21686777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

eliġibbilita' u fuq proposta tas-Sindku l-kriterji preżentati mis-Sur Pace ġew approvati mill-Kunsill.
Is-Sindku talab lis-Segretarja taħtar board indipendenti mill-Kunsill Lokali sabiex jara li n-nominazzjonijiet li jidħlu huma skond il-kriterji tal-eliġibbilita'.

**68.4.18 Ġnien Penza**

Is-Sindku semma li ser ikun hemm laqgħa mal-Perit u anki ma' TM peress li TM għadom ma' tawx no objection fuq il-proġett.

**68.4.19 Wrapping tal-Vettura Elettrika tal-Kunsill**

Is-Sindku semma li ser issir wrapping tal-vettura tal-Kunsill li twassal lill-anzjani.

**68.4.20 Assistent Prinċipal fi skala 11**

Is-Sindku rringrazzja lill-ħaddiema kollha li qed jagħmlu ħafna xogħol anki lil hinn minn dak mistenni minnhom. Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-proposta li l-Kunsill għandu joħroġ post vakant fi skala 11. Dan primarjament peress li dalwaqt jiskadi l-kuntratt tal-accountants u huwa aktar effiċjenti jekk il-Kunsill jagħmel il-book keeping tiegħu b' impjegat tal-Kunsill. Dan ikun ifisser aktar effiċjenza fl-inputting u aktar akkontabilita' f'dak li jkun qed jiġi mdaħħal fis-Sage. Fuq proposta tal-Sindku issekondata mis-Sa Darlene Vella, il-Kunsill qabel ma' dak propost.

**68.4.21 Riżenja tas-Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku semma li fl-aħħar wara 9 xhur id-Diviżjoni għaddiet kopja tar-riżenja tas-Segretraju Eżekuttiv tal-Kunsill ta' Tarxien. Is-Sindku semma li issa l-post huwa vakant u wieħed jistenna lid-Diviżjoni sabiex toħroġ is-sejħa. Kien hemm diskussjoni interna fejn kien hemm qbil bejn dawk preżenti li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-inqas għandu jibqa' jmexxi sal-Elezzjoni ta' Ġunju.

**68.4.22 Laqgħa mal-Cleansing**

Is-Sindku informa li kien hemm laqgħa mal-Cleansing fuq talba tagħhom stess. Semma li għal-laqgħa attendew huwa u s-Segretarju Eżekuttiv.
Is-Sindku semma li l-Kunsill ser ikun qed jibbenifka minn sweeper li ser tkun qed tagħmel rotta fil-lokal darbtejn jew

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21686888 - Fax 00356 21686777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

---

tlieta fil-ġimgħa. Semma wkoll li l-Kunsill ser ikun qed jingħata vacuum cleaner, din ser tkun għand il-Kunsill u tkun operata mill-ħaddiema tal-Kunsill stess.
Is-Sindku semma li kien hemm ukoll proposta li l-Kunsill jgħaddi l-allokazzjoni tal-knis lill-Cleansing u dawn jagħtu s-servizz tal-knis huma. Is-Sindku semma li għalissa l-Kunsill ma jħossx li għandu jorbot lil Kunsill ġdid elett fl-Elezzjoni li jmiss b'kuntratt ta' ħames snin. Apparti minn hekk huwa jemmen li bil-ħaddiema tal-Komunita' flimkien ma' żewġ ħaddiema tal-kuntrattur, is-servizz huwa tajjeb.

**68.4.23 Siġar tal-Piċċ tal-Boċċi**

Is-Sindku semma li għaddejja komunikazzjoni mal-ERA, u l-Kunsill intalab li jħejji rapport minn espert. Is-Sindku semma li dan ir-rapport qed isir.

**68.4.24 MoU mal-għaqdiet**

Is-Sindku semma li ser ikun qed jiġi ffirmat MoU mal-għaqdiet sabiex ikun hemm kollaborazzjoni ma' kull għaqda sabiex jittellgħu kunċerti mużikali fil-knisja.

**68.4.25 Nominazzjoni MARA**

Is-Sindku fakkar li peress li ma kienx hemm żmien biżejjed sabiex tgħaddi l-approvazzjoni mil-laqgħa tal-Kunsill, permezz ta' komunikazzjoni elettronika, il-Kunsill approva n-nominazzjoni ta' Profs. Jean Calleja sabiex tieħu premju MARA f' isem il-Kunsill Lokali Tarxien.

**68.5 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Rapport Finanzjarju għas-sena 2023 Awditjat**

68.5.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni r-rapport awditjat għas-sena 2023. Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjega u spjegat li kien hemm varjazzjoni fis-surplus peress li l-awdituri kellhom jagħmlu l-aġġustamenti neċessarji wara li nħarġet direttiva mid-Diviżjoni kif ser ikunu trattati l-accounts għas-sena 2023. Semmiet li din id-Direttiva ħarġet wara li l-Kunsill kien diġa għalaq is-sena finanzjarja 2023. Semmiet li l-aġġustament huwa wieħed favur il-Kunsill dan peress li l-Kunsill ġie għalaq b'surplus ta' €75,000. Dan minħabba l-accrued income li ddaħħal mill-awdturi peress li kienu tnaqssu madwar €67,000 mill-allokazzjoni finanzjarja biex jgħaddu bħala cashflow lir-Reġjun.

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21686888 - Fax 00356 21686777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

---

68.5.2 Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sa Darlene Vella, il-Kunsill approva unanimament ir-rapport hekk kif preżentat.

**68.6 Management Letter u tweġiba**

68.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-punti msemmija fil-management letter u semmiet li b'mod immedjat ser tkun qed:

- tikteb lill-avukat sabiex jagħti direzzjoni fuq il-Joint Venture li hemm fuq il-ground 5 a side
- tikteb lill-avukat biex tara kif il-Kunsill jista' jirkupra fondi dovuti lilu mill-Water Services
- ser tkun qed isejjaħ laqgħa mal-Loqus u mad-Diviżjoni sabiex tiġi ċċarata d-diskrepanza mid-dħul relatat mal-LES u rapport 622.
- irrakkomandat li l-Kunsill jagħmel write off ta' €2,200 ta' fondi li jidhru li l-Kunsill mis-sena 2008 qatt m'għamel claim tagħhom. Dawn huma fondi tal-Youth Exchanges u li huma x'aktarx marbutin ma' xi fondi Ewropej. Għaldaqstant anki fuq rakomandazzjoni tal-awdituri, is-Segretarja talbet write off tagħhom peress li huwa impossibbli għall-Kunsill li jirkuprahom. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Neil Portelli, iddeċidew li jkun hemm write off.

**68.7 Komunikazzjoni mis-Sindku**

| | |
|---|---|
| **68.7.1 Skema LESA** | Is-Sindku semma li l-applikazzjoni ġiet sottomessa. |
| **68.7.2 Skemi DLG** | Is-Sindku semma li kienu ħarġu l-iskemi. Semma li ma kienx interessat li japplika għal comunity garden scheme imma ser tkun qed tiġi sottomessa applikazzjoni għall-Festa Ħelu taħt l-iskema SPI SCH 05 2024. |
| **68.7.3 Proposta msi-Sur Chris Pace** | Is-Sur Chris Pace ressaq id-dokument anness u mmarkat bħala Dok B. Bi qbil unanimu s-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jinbeda proċess ta' komunikazzjoni mal-Awtorita' tal- |

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21686888 - Fax 00356 21686777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

Artijiet sabiex il-Gvern jidħol f'negozjat ta' xiri tal-unika art privata li hija spazju miftuħ u jidher li qed jingħata permess għall-bini.

**68.7.4 Uniformijiet tal-istaff**

Is-Sindku semma li ser ikunu qed jinbidlu l-uniformijiet tal-ħaddiema.

**64.8 Aġġornament**

64.8.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-tmienja ta' filgħaxija, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu 2024 fil-17:30 fl-Uffiċju tal-Kunsill.

**Joseph Abela Galea**

**Sindku**

**Lianne Cassar**

**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Dok 4.

11 ta' Diċembru 2023.

Rendikont tal-Festin tal-Milied tal-anzjani li sar nhar 11 ta' Diċembru 2023.

| | | |
|---|---|---|
| Biljetti mibjugħa | 109 | |
| Flus miġbura | | €545.00 |
| Dulli & Veronica | | (€150.00) |
| X tend | | (€150.00) |
| Tifkira tal-okkazzjoni lil anzjani | | (€245.20) |
| **Bilanċ** | | **(€0.20)** |

**Flus li ħriġt minn buti**

Tazzi tal-plastic

Napkins

Detergent biex jinħaslu toliets

VAT Reg. No.: 22152131 | Receipt No.: 000072 | No.: IN 475040

Veronica Farrugia
, Simplicity
Triq il- Bronja
Zurrieq ZRQ 01
----------------- (EXEMPT) ----------------

Ministry of Finance
VAT Department
Ta' Paris Road,
Birkirkara BKR 4633

Receipt in terms of
Section 51 of
VAT Act 1998

| Description of Goods / Service Provided | Amount |
|---|---|
| Entertainment for the Elderly Dar Nazzareth. | € 150 |
| | € |

VAT DEPARTMENT

Receipt Date: 10 12 2023 (DD MM YYYY)

**CUSTOMER'S COPY**

Customer Name & ID Number when required:

Kunsill Lokali Hal- TARXIEN

tà Hal-
amnjani

D Vella

SHEIN

# Dear Darlene Vella,

Thank you for your order! We hope you enjoyed shopping with us.

**Order information**

**Order number:**

GSONA709U00M29A

**Total Amount:**

245,20€

**Shipping Method:**

EXPRESS SHIPPING

**Payment Method:**

nuvei-card3ds

## Shipping address:

128, Block A, Flat 6,Alcasons

Court,

Dejma Road, Tarxien.

Tarxien, Malta

Malta

TXN 9037

## Payment Date:

30 Nov 2023

Dok 13.

**Lianne Cassar**

**From:** Lianne Cassar
**Sent:** Friday, 23 February 2024 14:38
**To:** abela25joseph@gmail.com
**Subject:** FW: Proposta
**Attachments:** Proposta lil Gvern.docx

**From:** Christian Pace <christian.pace.tlc@gmail.com>
**Sent:** Friday, 23 February 2024 13:40
**To:** Lianne Cassar <lcassar@lca.org.mt>
**Subject:** Proposta

Ghaziza Lianne,

Qieghed nghaddi din il-proposta li nixtieq nwassal fil-laqgha li jmissna fi 28 ta' Frar 2024.

Tislijiet,
**Christian Pace**

Proposta lil Gvern.

Nixtieq li bhala Kunsill Lokali u anka f'isem ir-residenti Tarxinizi nwasslu proposta lil Gvern biex l'art fiz-zona maghrufa bhala ta' Sardinia (Ritratt anness) ma jkomplix isir zvilupp fijha. Qed nipproponi biex il-Gvern jidhol f'disskusjonijiet mas-sidien biex l'art li hemm mhux zviluppata tinxtara mill-Gvern u tigi trasformata fi green area hekk kif qed jigri fi rhula ohra madwar Malta u Ghawdex. Din hija l'ahhar bicca art kbira li ghad fadal bejn Hal Tarxien u il-Fgura li tista tigi salvata minn aktar zvilupp.

